**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seudta tal-lum, il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2019**

**Appell numru: 2/19**
**Wara decizjoni fl-atti tal-Kwistjoni tax-Xoghol Numru 3621/RAM**

**Mario Camilleri**

**vs.**

**G4S Security Services Limited (C 23007), G4S Security Services (Malta) Limited (C9860) u Malta International Airport plc (C12663)**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni 'preliminari' tat-Tribunal Industrijali f'liema kaz l-appellant Mario Camilleri qed jitlob lit-Tribunal Industrijali:

'sabiex jiddikjara u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjetajiet intimata jew min minnhom kienet wahda ngusta u joghgbu jaghti l-provvedimenti

kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li jordna li r-rikorrenti jerga' jidhol lura fl-impjieg u jordna lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti kumpens gust'.

Illi fir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Camilleri datat 30 ta' Jannar, 2019 gie sottomess illi wara eccezzjonijiet mqajjma mis-socjeta' intimata appellata Malta International Airport plc fis-sena li hija qatt ma kellha relazzjoni ta' mpjieg mar-rikorrent u li ma hijiex il-legittimu kontradittur fost ohrajn, it-Tribunal Industrijali presedut mis-Sur Richard A. Matrenza permezz ta' digriet datat 2 ta' Novembru 2018 iddikjara kif isegwi:

*'It-Tribunal huwa sodisfatt illi mid-dokumenti ili ghadda l-appellant, li jkopru l-perjodu Ottubru, 2016 sa Settembru, 2017, hdax (11)–il faccata, jirrizultalu illi l-employer li kien ihaddem lill-appellant huwa unikament G4S security Services Limited u G4S Security Services (Malta) Limited.*

*Ghaldaqstant il-Malta International Airport plc., huma ezenti minn dan il-kaz.'*

Illi l-appellant Mario Camilleri permezz ta' rikors datat 30 ta' Novembru, 2018 konsegwenti ghad-digriet suespost talab permess lit-Tribunal Industrijali sabiex ikun jista' jintavola appell mid-Digriet tat-Tribunal tat-2 ta' Novembru, 2018 ai termini tal-artikoli 231 (1) u 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess rikors esebit fl-atti.

Jirrizulta li wara numru ta' seduti fejn giet trattata din it-talba u nstemghu anki xi xhieda, permezz ta' digriet datat 18 ta' Jannar, 2019 (ghalkemm jidher li erronjament fil-

verbal giet indikata d-data tat-18 ta' Jannar, 2018) it-Tribunal Industrijali ddekreta kif isegwi:

*'Fl-isfond ta' dan kollu, it-Tribunal Industrijali kif twaqqaf u gie stabbilit mill-mohh tal-Legislatur huwa biss biex jara u jisma' u jaqta' fi kwistjoni tax-xoghol bejn haddiem u min ihaddmu jekk it-tkeccija, jigifieri r-relazzjoni taghhom kuntrattwali ta' mpjieg, kienitx tabilhaqq gusta fil-fatt u fid-dritt.*

*It-Tribunal ma nholoqx biex jidhol f'merti ohra dwar min tabilhaqq huwa l-Principal, jigifieri l-Employer.*

*Dwar kull decizjoni fir-rigward ta' dan il-mertu hemm il-provvedimenti tal-Ligijiet tal-Pajjiz, li jaqghu taht is-setghat li ghandu d-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali biex jaqta' u jiddeciedi fuq dan il-mertu.*

*Ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali qed jghaddi dan il-kaz ghad-decizjoni tieghu dwar min fil-fatt u fid-dritt kien il-Principal, jigifieri l-Employer ta' l-appellant, meta dan ressaq il-kaz tieghu ta' allegat tkeccija ngusta.*

*It-Tribunal Industrijali llum 18 ta' Jannar, 2019, f'seduta msejjha apposta jieqaf hawn.'*

Jirrizulta ghalhekk li sa dak il-mument it-Tribunal Industrijali la ta l-permess mitlub biex l-appellant odjern jappella mid-digriet li permezz tieghu l-Malta International Airport plc. giet ezentata u wisq anqas cahdu.

Jirrizulta mill-atti li konsegwenti ghal dan id-digriet it-Tribunal Industrijali naqas milli jaghti data ohra ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kaz ta' tkeccija ngusta u segwa li fl-4 ta' Frar, 2019 gie ntavolat l-appell odjern minn Mario Camilleri.

2. Illi l-appellant ressaq quddiem din il-Qorti tliet aggravji. Ghat-tliet aggravji mqajjma mill-appellanti s-Socjetajiet appellati rrispondew li qed jirrimettu ruhhom ghas-savju gudizzju tal-Qorti u dan tenut kont tal-fatt illi d-decizjoni appellata ma taghmilx sens guridiku u hi ghal kollox pregudikanti ghall-interessi tal-impjegat rikorrent quddiem it-Tribunal Industrijali, b'dan illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-appellati Tribunal Industrijali.

Illi tal-istess hsieb kienu l-konsulenti legali tal-partijiet waqt it-trattazzjoni taghhom quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019, fejn dak in-nhar l-appell gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

3. Illi ghalhekk stante li jidher li l-partijiet qed jaqblu dwar l-aggravji mressqa mill-appellant din il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta l-istess kif isegwi

a) Illi l-ewwel Aggravju jaqra kif isegwi:

'Dak li kien qieghed jigi mitlub mill-appellant kien permess ghall-appell minn decizjoni preliminari, ai termini tal-artikolu 231 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Prcoedura Civili u mhux illi t-Tribunal jippronunzja ruhu dwar min kien il-principal tal-appellant. Dan ifisser illi meta t-Tribunal ha decizjoni dwar xi haga li ma kinitx mitluba mill-appellant, minflok ma qal semplicement iva hemm permess jew le m'hemmx permess, kien qieghed jagixxi kontra l-artikolu 231 (1) tal-Kap 12, b'mod illi d-decizjoni hija ghal kollox *extra petita.*'

Illi appuntu dan il-punt irrilevatu din l-istess Qorti aktar 'il fuq waqt ir-riassunt ta' dak li wassal lill-partijiet ghall-appell odjern. Fil-fatt jirrizulta li filwaqt li t-Tribunal kien

qed jigi mitlub sabiex jaghti permess jew le dwar jekk ghandux isir appell minn digriet li kien gia nghata (dwar jekk il-Malta International Airport plc. kellhiex jew le tibqa' parti fil-kaz) it-Tribunal rega' ghal raguni mhux nota lil din Qorti ghadda sabiex jaghti decizjoni dwar jekk kellux il-poter fil-ligi li jiddeciedi dwar min kien il-principal tal-appellant (dan wara li kien gia ghamel hekk f'digriet precedenti minghajr ezitazzjoni).

In vista tas-suespost, il-Qorti tqis li dan l-ewwel aggravju mqajjem mill-appellant Mario Camilleri li d-decizjoni tat-Tribunal appellat kienet *extra petita* huwa legalment gjustifikat u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

b) Illi t-tieni aggravju tal-appellant jaqra kif isegwi:

'Illi . . . it-Tribunal iddikjara illi hu m'ghandux gurisdizzjoni jisma' din il-kwistjoni, ghax skont it-Tribunal decizjoni dwar min hu l-principal ghandhom jittiehdu mid-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Pronunzja dwar gurisdizzjoni, minghajr ma lanqas biss giet imqajma mill-partijiet hija ghal kollox *ultra petita* apparti l-fatt li tali dikjarazzjoni hija totalment barra mill-isfond u t-talba li kellu quddiemu l-istess Tribunal.'

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 774 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) li jipprovdi ghall-kazijiet fejn il-Qorti tista' tiddikjara l-inkompetenza taghha *ex officio,* w'ghaldaqstant ma taqbilx ma' dak sottomess mill-appellant li d-digriet tat-Tribunal appellant kien *ultra petita* ghal din ir-raguni. Huwa evidenti izda mill-atti li d-dikjarazzjoni tat-Tribunal kienet kompletament barra mill-isfond u t-talba li kellu quddiemu l-istess Tribunal liema talba kienet limitata biss dwar il-kwistjoni jekk kellux

jinghata permess ghall-appell jew le mid-digriet precedenti u ghalhekk f'dan is-sens il-Qorti taqbel li d-digriet tal-Tribunal kien ukoll *ultra petita* u ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni aggravju tal-appellant bir-riserva izda esposta mill-Qorti f'dan il-paragrafu aktar 'il fuq.

c) Illi t-tielet aggravju tal-appellant jaqra kif isegwi:

' . . l-interpretazzjoni da parti tat-Tribunal, li hu mhux kompetenti sabiex jiddeciedi dwar din il-kwistjoni u li sahansitra lanqas ghandu gurisdizzjoni illi jiddeciedi dwar dan, hija ghal kollox zbaljata, u dan stante illi skont Artikolu 75 (1) tal-Kap. 452:-

*Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi –*

*(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta;*
*u*
*(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu.*

22. Jidher illi sfugga ghal kollox lit-Tribunal illi l-kaz tal-appellant gie ntavolat proprju minhabba tkeccija allegatament ingusta fil-qafas ta' trasferiment ta' negozju. Dawn iz-zewg cirkostanzi huma regolati minn Artikolu 33 et seq u Artikolu 38 tal-Kap 452 rispettivament, liema artikoli jaqghu kollha f'Titolu I tal-istess Att.

23. Fil-fatt, it-Tribunal kien diga' ppronunzja ruhu dwar dan, u l-appellant semplicement talab permess jappella minn tali decizjoni. Fuq liema principju legali jew provvediment tal-Ligi t-Tribunal iddecieda li jinjora din it-

Talba, jerga' jippronunzja ruhu dwar l-istess eccezzjoni preliminari tas-socjeta' appellata Malta International Airport p.l.c. bir-rizultat illi jarmi barra l-kaz tal-appellant huwa misteru legali li l-appellant ghadu jrid jittenta jibda jiskopri.

Ghalhekk jidher bl-iktar mod ampju li t-Tribunal naqas sew fl-analizi legali tieghu kemm mil-lat procedurali u kemm mil-lat fattwali bil-konsegwenza illi issa l-appellant jinsab f'sitwazzjoni ta' limbu fejn mhux talli ma nghatax permezz jappella minn decizjoni preliminari izda talli lanqas ghandu xi forma ta' decizjoni fil-mertu.

Tali decizjoni tmur ukoll kontra l-principji tal-gustizzja naturali stante li qieghed effettivament icahhad lill-Appellant mir-rimedji provduti lili mil-Ligi.'

Il-Qorti taqbel perfettament mat-tielet aggravju kif imressaq kif ukoll jidher li jaqblu s-socjetajiet intimati appellati. Huwa ovvju u evidenti minn qari tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta partikolarment l-artikoli 75, 33 et seq u 38 illi fl-isfond ta' allegata tkeccija ngusta t-Tribunal mhux biss ghandu kompetenza izda huwa tenut li jidhol fil-kwistjoni dwar jekk entita' ghandhiex tigi kkunsidrata bhala l-principal tal-impjegat u dan b'mod partikolari f'kazijiet ta' trasferiment ta' negozju fejn din il-kwistjoni hafna drabi ma tkunx cara tant li jkollok min jipprova jinheba appuntu wara l-manuvri ta' tali trasferiment biex jahbi tkeccija ingusta ta' mpjegat.

Din il-Qorti hija wkoll perplessa daqs l-appellant u l-appellati li l-istess Tribunal wara li ghogbu jiddeciedi dwar il-punt (cioe' jekk il-Malta International Airport plc kellhiex tigi kunsidrata bhala principal jew le) iddecieda li b'digriet

sussegwenti jmur pass lura, jghid li ma ghandux kompetenza, jinsa li l-kwistjoni originali quddiemu kienet ta' tkeccija ngusta u jwaqqaf il-kaz hesrem. Certament din id-decizjoni tilledi bi shih id-drittijiet fil-ligi tal-partijiet kollha nvoluti fil-kaz in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk tqis li anki dan it-tielet aggravju huwa gustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

4. Illi s-socjetajiet appellati jsostnu fir-risposta taghhom li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mit-Tribunal appellat. Il-Qorti filwaqt li tqis li verament il-bzonn ta' dan l-appell irrizulta biss minn digriet kompletament fallaci, legalment zbaljat u mhux mitlub mill-partijiet da parti tat-Tribunal, stante li t-Tribunal mhuwiex kif gie sottomess parti mill-appell, din il-Qorti ma tistax tilqa' din il-parti tar-risposta. Dwar l-ispejjez ta' din l-istanza allura l-Qorti tqis li jkun ekwu u gust fic-cirkustanzi li dawn jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

4. Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis ukoll li t-talba sabiex il-kaz jigi rinvijat lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex ikun jista' jkompli jinstema' l-kaz ta' allegata tkeccija ngusta ghandha tigi milqugha u wkoll stante li tqis li t-tribunal kif presedut prezentement esprima ruhu oltre dak mitlub minnu fid-digriet tqis li t-talba sabiex it-Tribunal ikun presedut minn Chairperson divers hija wkoll legalment gjusta u timmerita li tigi milqugha. Il-Qorti tirrakomanda wkoll li in vista' tal-vertenzi legali li gia qamu bejn il-partijiet ic-Chairperson nominat ghandu jkun ukoll Avukat sabiex jigu evitati sitwazzjonijiet simili bhal dik odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' l-aggravji kollha tal-appellant fl-isfond ta' dak hawn fuq deciz u tghaddi sabiex tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tat-Tribunal datata 18 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet premessi u tordna li l-atti tal-kaz jigu rinvjati lit-Tribunal Industrijali sabiex il-kaz ikompli jinstema' mit-Tribunal Industrijali izda diversament presedut. Il-kaz ghandu jkompli mill-istadju tat-talba tal-appellant Mario Camilleri datata 8 ta' Novembru, 2018 li talab sabiex jigi awtorizzat jappella mid-digriet tat-Tribunal datat 2 ta' Novembru, 2018.

Fic-cirkustanzi l-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur